# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Mark Anthony Mercieca)

vs

Gordon Albani

Kumpilazzjoni Numru: 594/16

Illum, id-disgha (9) ta' Mejju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gordon Albani detentur tal-karta tal-identita' 258684M u li gie akkuzat:

1. Talli matul ix-xuhur ta' Ottubru u Novembru 2016 ikkommetta serq ta' hwejjeg minn gewwa l-istabilliment 'Pull & Bear', The Point, Sliema, u anka minn l-istess stabbiliment gewwa l-Belt Valletta liema serq huwa aggravat bil-Mezz, u anka bil-valur, liema valur jaccedi s-somma ta 232.94 euro

izda ma jaccedix is-somma ta 2329.37 euro ghad-detriment ta l-istabbiliment Pull & Bear, jew xi entita jew persuna ohra.

2. Akkuzat ukoll talli nhar l-10 ta' Novembru 2016 ghall-habta ts-siegha nieqes kwart ta wara nofs inhar (1245hrs) ikkommetta serq ta' oggetti minn gewwa l-istabbiliment "Calliope", li jinsab gewwa The Point, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-Mezz ghad-detriment ta' Calliope Ltd, jew xi entita' jew persuna ohra.

3. Akkuzat ukoll talli matul ix-xuhur ta' Ottubru u Novembru 2016 ikkommetta serq ta' hwejjeg minn gewwa l-istabbiliment 'Terra Nova', The Point, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-Mezz, ghad-detriment ta l-istabbiliment Terra Nova, jew xi entita jew persuna ohra.

4. Akkuzat ukoll talli matul ix-xuhur ta Ottubru u Novembru 2016 ikkommetta serq ta' hwejjeg minn gewwa l-istabbiliment 'Bershka', The Point, Sliema, liema serq huwa aggravat bil-Mezz, ghad-detriment ta l-istabbiliment Bershka, jew xi entita jew persuna ohra.

5. Kif ukoll ghamel b'diversi atti mghamulin minnu ukoll fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkun gew mghamula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta l-artiklu 18 tal-kapitlu 9.

6. Akkuzat ukoll talli irrenda ruhu recediv wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2016 fejn dan ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat il-*Pre Sentencing Report* mitlub mill-imputat stess u dan mahluf fis-16 ta' Jannar 2017. Illi dan ir-rapport jghid fost l-ohrajn is-segwenti:

*"Konkluzjonijiet*

- ***Fatturi identifikati***

- *Gordon Albani qed jigi akkuzat fix-xhur ta' Ottubru u Novembru 2016 ikkommetta serq mill-istabbiliment Pull and Bear, Calliope, Terranova u Bershka; kif ukoll li irrenda ruhu recidiv.*
- *Ir-relazzjoni ta' Gordon Albani mal-familja tieghu mhix wahda tajba.*
- *L-imputat fil-prezent jinsab dizokkupat.*
- *Gordon Albani qed jigi segwit minn Leon Madden mill-Agenzija Caritas. Il-pjan hu li l-imputat jaghmel programm residenzjali.*
- *Testijiet tal-urina li saru gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole irrizultaw fil-pozittiv ghas-sustanza tal-eroina.*
- *L-imputat naqas milli jsegwi l-ordnijiet tas-Sentenzi Sospizi moghtija lilu.*

*Pjan ta' Kura*

*Minn testijiet tal-urina li saru gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole jidher li Gordon Albani ghadu jabbuza mid-droga eroina, li din twasslu sabiex jiftah*

*iktar kazijiet. Sabiex l-imputat jeghleb din il-problema, Gordon ghandu jaghmel programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga.*

*Rakkomandazzjonijiet*

*Wara li ttiehdu inkonsiderazzjoni l-akkuzi li bihom qed jigi akkuzat l-imputat, kif ukoll l-problemi li ghandu, qed jigi umilment issuggeriet lil din l-Onorabbli Qorti li Gordon Albani jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva, kif ukoll ordni sabiex jaghmel prgramm residenzjali kontra l-abbuzz tad-droga."*

Rat illi fis-seduti sussegwenti l-imputat ma deherx u dan sas-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020) u fejn din il-Qorti baghtet il-kawza ghas-sentenza bil-fakulta' li d-difiza tista' taghmel nota ta' sottomissjoni a rigward il-piena;

Ghal dawn il-motivi, tikkondividi pjenament is-sottomissjonijiet kontenuti fir-rapport tal-ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius u stante n-nuqqas ta' interess tal-imputat f'dawn il-proceduri

minkejja l-fatt li kien hemm persuni disposti li jghinuh, huwa xorta gie jaqa' u jqum. Ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289, 263, 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Gordon Albani** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija effettiva li f'dan il-perjodu l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha possibbli sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**